MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 163/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Frank Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer, bhala proprejarju w/jew amministratur tal-fond maghruf bhala Gallina f’Bingemma, limiti ta’ l-Imgarr, fis-17 ta’ Jannar, 2004, u/jew fi-xhur ta’ qabel, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti w li jikdru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi w li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, kellu fil-proprjeta’ that il-kontroll tieghu sors t’ilma tal-pjan u/jew ghamel, haffer u/jew xort’ohra kiseb access ghall-istess sors minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ l-awtorita’ kompetenti jew xort’ohra naqas jgharraf lill-awtorita’ kompetenti li kellu tali sors u dan bi ksur ta’ l-Avviz legali 120 ta’ l-1997.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 3,4,5 u 6 ta’ l-Avviz Legali 120/1976, sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi kif dedotti w ikkundannatu multa ta’ hdax il-elf, sitt mija w hamsin Ewro (€11,650).
Ordnat ukoll il-konfiska ta’ kull apparat uzat fil-konfront ta’ dan is-sors ta’ ilma.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta’ Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla w tikkancella s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, salv dak li din il-Qorti joghgobha tordna.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi huwa pacifiku illi l-prosekuzzjoni ghandha l-oneru tal-prova illi tara li l-akkuza kif dedotta tkun ippruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli sabiex il-Qorti tal-Magistrati tkun tista’ ssib htija fl-appellant. Meta wiehed jifli sew l-akkuza, jibda biex jinnota illi l-akkuza tibda hekk u cioe li l-akkuzat kellu jkun il-proprjetarju u/jew amministratur tal-fond fejn tkun il-“bore hole”. Illi rrizulta ampjament illi l-appellant m’huwiex il-proprjetarju tal-fond in kwistjoni w lanqas amministratur. Fl-ebda hin u mument ma ngabet prova illi l-appellant kellu xi inkarigu minn missieru li jamministra l-fond. Kulma intqal mill-appellant stess kien li hu jiehu hsieb il-fond ghax missieru huwa ma jiflahx. Dan ma jfissirx li l-appellant huwa xi utent tal-“bore hole” in kwistjoni ghax ma ngabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni li fil-fatt l-appellant ghamel uzu minnha w fuq kollox li kien hu li jahdem ir-raba fl-inhawi. Di piu ma rrizultawx mill-provi illi effettivament din il-“bore hole” setghet fil-fatt tintuza. Imkien l-espert imqabbad mill-Qorti Horace d’Anastasi ma kkonferma illi fil-fatt din il-hofra kien hemm fiha sors ta’ ilma tal-pjan. L-espert indika biss li

kien hemm apparat li seta jintuza biex itella' l-ilma imam ma nagabet l-ebda prova illi effettivament seta' jittella ilma minn din il-hofra w li fuq kollox l-utent taghha kien tassew l-appellant. Il-fatt illi l-appellant qal li huwa jmexxi kollox fi stqarrija li ma riedx jiffirma m'hijiex l-ahjar prova li l-Ewwel Qorti kollha toqghod fuqha biex tassigura lil hinn minn kull dubju rajonevoli li l-appellant kien tassew l-utent tal-"bore hole" imsemmija. Mill-provi rrizulta li fil-fatt il-kontijiet tad-dawl u ilma ma kienx ihallashom l-appellant imam missieru stess li jismu Francis maghruf bhala Frank Calleja. Irrizulta wkoll li l-Pulizija m'ghamlet ebda indagini biex tivverifika jekk l-appellant joqghodx fil-post indikat u fuq kollox ta' min hu l-post.

Illi ma ngabet ukoll l-ebda prova illi l-appellant seta kien hu li haffer din il-"bore hole". Irrizulta b'mod car illi din il-"bole hole" kienet ilha tezisti snin twal u li ghalhekk kienet ilha ezistenti hafna qabel is-17 ta' Jannar, 2004 u x-xhur ta' qabel kif tghid l-akkuza. Illi ghalhekk l-appellant sab din il-"bore hole" lesta w ma haffirhiex hu u certament illi din il-"bore hole" kienet tintuza minn haddiehor, u cioe' min tassew kellu l-kontroll effettiv ta' l-imsemmija proprjeta'. Certament li qabel ma marad, missier l-appellant kien huwa li kellu l-kontroll effettiv tal-proprjeta' w fuq kollox l-appellant, peress li ma kellu xejn minn din il-proprjeta' kien qed jagixxi ghan-nom u inrapprezentanza ta' missieru u kwindi kwalsiasi haga li kien jaghmel kien jaghmilha bhala mandatorju ta' missieru – b'hekk qal il-kliem li missieru kien marid u kien jiehu hsieb hu, ghax kien jagixxi ghan-nom ta' missieru li kien fis-sodda. Kwindi ma jistax jinghad illi l-kontroll kien f'idejn l-appellant u dan stante li kien qed jagixxi ghan-nom ta' haddiehor.

Illi l-akkuza kif dedotta qatt ma setghet tissussisti w dan stante li l-akkuza harget kontra l-amministratur tal-fond. Il-ligi w cioe' l-Avviz Legali 120/97 ma jsemmix amministratur imam utent. Amministratur huwa persuna li jista' jkun qed jagixxi ghan-nom ta' haddiehor mentri utent ikun qed jagixxi ghalih innifsu. Kwindi, peress li l-ligi issemmi utent u mhux amministratur, l-appellant qatt ma seta jinstab hati ta' l-akkuza kif dedotta ghax ma hemm l-ebda ligi li tinkrimina xi amministratur ta' proprjeta'. Il-prosekuzzjoni kellha tipprocedi kontra l-appellant semmai bhala utent u mhux amministratur, u dan wara li l-istess

prosekuzzjoni naqset tipprova li l-appellant huwa l-proprjetarju tal-fond. Il-Qorti stess ghamel distinzjoni ukoll minn utent u “registered consumer” u kwindi l-fatt li l-meter ta’ l-ilma kien fuq l-appellant ma jfissirx illi bhala “registered consumer” kien l-utent.

Ikkunsidrat :

Din il-kawza tirrigwarda l-uzu llegali ta’ “bore hole” fil-fond maghruf bhala “Gallina” f’Bingemma, limiti tal-Imgarr fis-17 ta’ Jannar, 2004, fejn l-appellant qed jigi addebitat bl-illegalita` w l-uzu ta’ dan il-“bore hole”.

Fl-appell tieghu l-appellant qieghed jargumenta illi l-“bore hole” jinsab fi propjeta` ta’ Frank Calleja missier l-appellant u li hu ma joqghodx mieghu.

Meta marru l-awtoritajiet tal-Water Services sabu lill-appellant fil-post ghaliex mar jara lill-missieru. L-appellant gie mharrek bhala proprjetarju, amministratur/utent, izda minn dawn mhu xejn.

Il-fatt illi fl-istqarrija l-appellant qal li qed jiehu hsieb lil missieru gaghal lill-Pulizija tasal ghall-konkluzzjoni illi kien qed jamministra w juza l-“bore hole”.

Ikkunsidrat :

Ghal dawk illi huma l-fatti rrizulta minghajr dubju li kien hemm “bore hole” fil-fond imsemmi, liema “bore hole” ma kienx irregistrat u kwindi kien wiehed illegali.

Ghal dik illi hija identita`,  xehdu f’dawn l-atti Joseph Caruana illi huwa administrator fl-Account Keeping Section tal-Water Services, fejn qal lill-Qorti illi r-“registered consumer” tal-fond “Gallina”, Bingemma, limiti tal-Imgarr huwa Francis Calleja ID 329069(M).

Ivania Balzan mill-ID cards Section tad-Dipartiment Elettorali, wara li ghamlet ricerka mitluba dwar in-numru 329069 qalet illi dan jappartjeni lil Frank Calleja bl-indirizz

prezenti bhala "Gallina", Bingemma, limiti tal-Imgarr, il-post bejn instab il-"bore hole".

L-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni korretta tal-artikolu 2 tal-Avviz Legali 120 tan-1997 regolamenti dwar ir-registrazzjoni tas-sorsi tal-ilma taht l-art. Dan l-artikolu jiddeskrivi l-kelma "utent" bhala persuna li, wahediha jew flimkien ma' ohrajn, ikollha l-kontroll effettiv tal-uzu tal-proprjeta` fejn jinsab sors tal-ilma taht l-art.

L-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi ma kellha l-ebda dubju illi kien l-akkuzat responsabbli ghal fond imsemmi u rreferiet ghal fatt illi wara illi sar l-ewwel access mill-esperti mahtura mill-Qorti xi hadd fil-fond ipprova jsodd b'ammont kbir ta' konkos it-toqba tal-"bore hole".

Minn dawn il-provi, din il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha, dana wara illi l-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti.

Kif qalet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt" [App. Krim. 01-12-1994] *"fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk anki jekk ikun hemm verzjonijiet kontradditorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u jekk tali verzjoni tigi emnuta l-funzjoni anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa illi tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dak l-apprezzament."*

Din il-Qorti ghamlet il-valutazzjonijiet taghha w issib illi l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta fl-apprezzament tal-provi, u ghalhekk mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------